Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Città Beland

Frott iż-Żebbuġ Isml

| | | | |
|---|---|---|---|
| Seduta | 12/14 | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| Data | 09/12/2014 fis-6.20pm | | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| Attendenza | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti mis-6.25pm |
| | | Amanda Abela | Skużata |
| | | Joan Agius | Preżenti |
| | | Claude Camilleri | Skużat |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti |
| | | Joseph Hales | Preżenti |
| Preżenti wkoll | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**12. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 1. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 11/14 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 11.9.25 | Minflok fl-20 ta' Diċembru, id-data tinbidel u ssir fis-27 ta' Diċembru. | | |
| 12. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**12. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12 2 1 | 11.2.1 | Sindku: Ħlas Frankie Mifsud | Is-Sindku talab sabiex isir breakdown tal-Eur5,000 li fadallu jieħu s-Sur Mifsud u ngħaddu kopja lill-Housing forsi jkun hemm progress. | Segretarjat |
| 12 2 2 | 11.2.3 | Hales: Dog Litter Bins | Hales informa lill-Kunsill li dawn għadhom pendenti. | Hales |
| 12 2 3 | 11.2.4 | Hales: Tneħijja tas-Suffetti tal-Latrini | Hales irraporta lill-Kunsill li x-xogħol kollu issa huwa lest. | Hales |
| 12 2 4 | 11.2.7 | Hales: Ġbir ta' Skart Bieb Bieb | Wara li għadda xahar minn mindu nbeda s-servizz minn Saviour Mifsud, dan tjieb drastikament. Spiċċaw il-gżuz u l-ilmenti mill-pubbliku. Min-naħa tal-kuntrattur ġiet introdotta sistema fejn jagħmel kuntatt personali ma' min iressaq xi lment dwar is-servizz. Agius talbet sabiex ninsistu fuq l-eco wardens peress li għad fadal residenti li joħorġu l-boroż is-suwed nhar ta' Tlieta. Dan l-abbuż qed isir fi Triq il-Madonna tal-Ħniena. Chircop qal li f'xi nħawi inbidel il-ħin tal-ġbir ta' l-iskart. Hales qal li issa l-kollettur il-ġdid ilu iktar minn xahar u n-nies draw. | Hales |
| 12 2 5 | 11.2.11 | Viċi-Sindku: Reserved parking bays | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li r-reserved parking bays kienu ssemmew f'laqgħat preċedenti. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 2 | 6 | 11.3.3 | Hales: Isem ta' Triq għal Alexander Cachia Zammit | Hales informa lill-Kunsill li tressqet it-talba quddiem il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq. Is-Sindku talab sabiex issir attentat ieħor biex l-isem ikun 'Sandy' minħabba l-isem | Hales |
| 12 | 2 | 7 | 11.3.6 | Hales: Vetturi tqal fi Triq San Duminku | Ġew imwaħħla tabelli fit-truf tal-aktar parti dejqa ta' din it-triq, fejn jindikaw li vetturi tqal ma jistgħux jgħaddu inkluż ukoll vannijiet ta' 'l fuq minn 2.5 metri, sabiex jiġu protetti l-gallerij f'din il-parti. | Hales |
| 12 | 2 | 8 | 11.3.7 | Viċi-Sindku: Ilmenti dwar Triq San Klement | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li daħlulha diversi lmenti dwar il-one way ta' Triq San Klement minħabba l-privatijiet tat-tfal u l-one way minn Triq l-Isqof A Zahra li ma tistax tilta 'l fuq għal Triq A. Cachia Zammit. | Sindku Hales |
| 12 | 2 | 9 | 11.4.21 | Caruana: Ħlas Għaqda ta' l-Armar | Il-Kunsillier Caruana staqsa għaliex inżamm iċ-ċekk ta' l-Għaqda ta' l-Armar u ladarba kien inħareġ l-għaqda għandha titħallas. Is-Sindku spjega li kif intqal fil-laqgħa preċedenti, l-affarijiet qed isiru b'diskrezzjoni. Is-Sindku qal li hu kien tkellem ma' Joseph u kien aċċetta.Huwa kompla jgħid li l-kuntrattur tad-dwal tal-Milied Lawrence Cassar kien jgħaddi ċekk lill-istess għaqda. Ser niċċekkjaw jekk l-istess kuntrattur għaddix cekk ta' l-armar ta' l-antaljoli fl-2013.Jekk le l-għaqda ta' l-armar tieħu Ewro 233 għal armar u zarmar ta' l-Antaljoni fil-Milied 2013. | Sindku |
| | | | | | Hales qal li l-Għaqda ta' l-Armar trid Eur500 għall-antaljoli ta' wara l-knisja. Is-Sindku qal li lest li jitkellem ma' l-Għaqda. | Sindku |
| 12 | 2 | 10 | 11.8.1 | Hales: One Way traffic fi Triq il-Lvant | Hales irraporta lill-Kunsill li saret it-talba lil TM iżda għadna mingħajr tweġiba. | Hales |
| 12 | 2 | 11 | 11.9.1 | Caruana: Diskussjoni | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex meta l-persuna ma tkunx preżenti, ma tiġix diskussa. Huwa tkellem dwar korrispondenza li kiteb lill-TM dwar mera tat-traffiku. Din il-korrispondenza ġiet approvata u l-mera għandha titwaħħal. | |
| 12 | 2 | 12 | 11.9.7 | Viċi-Sindku: Applikazzjonijiet Gal Xlokk | Il-Viċi-Sindku ipproponiet li tibda tintbagħat agenda tal-Gal Xlokk kif isir f'Kunsilli oħra. Is-Sindku qal li l-applikazzjonijiet li jkun hemm, dawn jissemmew quddiem il-Kunsill. | Sindku |
| 12 | 2 | 13 | 11.9.8 | Chircop: Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Chircop informa lill-Kunsill li qed isibha diffiċli biex isib lil xi ħadd bl-eta' rikjesta. | Chircop |
| 12 | 2 | 14 | 11.9.11 | Chircop: Trofew Karlu Diacono u Kompetizzjoni l-Isbaħ Tieqa | Chircop informa lill-Kunsill li irċevejna n-nominazzjonijiet għal dan it-Trofew. L-Għaqda Mużikali Beland innominat lil Isaac Cassar u l-Għaqda Banda Żejtun innominat lil Kimberly Bonnici. Dan it-trofew jingħata waqt il-kunċert tal-Milied. | Chircop |
| 12 | 2 | 15 | 11.9.12 | Hales: Tabella 'Ġnien l-Għannejja Żwieten' | Hales spjega li għadha ma saritx. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 2 | 16 | 11.9.13 | Hales: Bring in Site fi Triq Toni Zahra | Hales informa lill-Kunsill li l-madwar tal-Bring in Sites qed jitnaddfu kuljum mit-Tnejn sas-Sibt. Twaħħlu tabelli ta' twissija għal min jarmi li skart fil-madwar tas-siti fi Triq Toni Zahra u Triq il-Marrubja. | Hales |
| 12 | 2 | 17 | 11.9.14 | Hales: Frieġħi fi Vjal il-25 ta' Novembru | Hales irraporta lill-Kunsill li sar iż-żbir meħtieġ. | Hales |
| 12 | 2 | 18 | 11.9.16 | Chircop: Grupp Zoey | Il-Kunsillier Chircop irraporta lill-Kunsill li l-Grupp Zoey ħa sehem fil-fiera għall-istudenti tal-higher secondary u kien hemm rispons tajjeb. | Chircop |
| 12 | 2 | 19 | 11.9.17 | Chircop: Premju Frans Sammut | Chircop informa lill-Kunsill li l-Kunsill taż-Żejtun rebaħ dan il-premju u ħa Eur1,000 bħala rikonoxximent għax-xogħol li sar fil-lingwa Maltija. Huwa kompla jgħid li l-website inqalbet bil-Malti u ser tittella sa l-aħħar ta' dan ix-xahar. | Chircop |
| 12 | 2 | 20 | | Viċi-Sindku: Premju Soċjeta' Ġusta | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li l-premju għas-soċjeta' ġusta b'impatt fuq is-settur tal-persuni b'diżabilita', intrebaħ mis-Sur Angelo Zahra. **Il-Kunsill qabel li jiktiblu sabiex jifraħlu.** | Viċi-Sindku |
| 12 | 2 | 21 | | Chircop: Premju Volontarju tas-Sena | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li huwa nnomina lis-Sur Glenn Chircop għal dan il-premju. | Chircop |
| 12 | 2 | 22 | 11.9.19 | Hales: Parking Bay fi Triq San Ġużepp | Hales informa lill-Kunsill li din il-proposta ma tistax tiġi segwita minħabba li tmur kontra r-regoli tat-traffiku. | Hales |
| 12 | 2 | 23 | 11.9.21 | Hales: Sign ma jidhirx fi Triq Antonio Zahra | Hales qal li dan se jitneħħa peress li twaħħal wieħed ma' arblu fit-tarf ta' isfel tat-triq. | Hales |
| 12 | 2 | 24 | 11.9.24 | Agius: Hands on Community Activity | Agius infurmat lill-Kunsill li l-attivita' bejn l-istudenti tas-sekondarji u l-anzjani ser issir fit-12 ta' Diċembru. Kulħadd huwa mistieden jattendi. Il-Viċi-Sindku irrimarkat li għalkemm hi nkarigata mill-anzjani, ma kienetx avviċinata. | |
| 12 | 2 | 25 | 11.9.25 | Agius: Attivitajiet | Agius infurmat lill-Kunsill li l-xmas fair ġiet posposta. Ir-recreational activity ġewwa t-Topaz Hotel saret u kienet suċċess. | Agius |
| 12 | 2 | 26 | 11.9.27 | Hales: One Way fi Triq Ħal Bajda | Hales informa lill-Kunsill li d-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Ħal Bajda issa daret bil-kontra jiġifieri, issa hija lejn il-President Anton Buttiġieġ. Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk kienx hemm approvazzjoni ta' TM. Ir-risposta kienet fl-affermattiv iżda dan sar bi prova. Hales qal li sadanittant il-Kunsill waslet petizzjoni sabiex it-traffiku fi Triq Frank Ghio, Triq Emanuel Cannataci u Triq Ħal Bajda jitreġġa lura għal li kien.Dan ser isir fil-bidu tas-sena l-ġdida. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 2 | 27 | 11.9.28 | Agius: Interviews | Agius staqsiet meta ser isiru l-interviews. Is-Segretarju qal li għada 10 ta' Diċembru jagħlqu l-applikazzjonijiet għal dawk li jinsabu fuq ir-reġistru part 2 u 3 ta' l-ETC. Min għada 'l quddiem jistgħu isiru l-interviews. | Sindku Segretarjat |
| 12 | 2 | 28 | 11.9.29 | Sindku: Tiġdid tal-Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-DLG ma approvax it-tiġdid tal-leave tas-Segretarju Eżekuttiv għax l-ammont ta' leave stipulat mil-liġi li jista' jiġi mġedded huwa ta' 92 siegħa. Is-Sindku qed jitkellem mal-Ministeru dwar il-każ. **Il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-vacation leave li ma jittieħidx din is-sena għas-sena d-dieħla.** | Sindku |

**12. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 2 | 1 | 01 | MEPA: PA 3613/14, PA3617/14 | **Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dawn l-iżviluppi jinsabu fil-village core u għaldaqstant għandu jinżamm mal-karatteristika tal-post.** | Sindku |
| 12 | 2 | 2 | 08 | DLG: Awdituri Ġodda | Il-Kunsill ġie infurmat li l-Awdituri l-ġodda huma Gran Thornton. | |
| 12 | 2 | 3 | 09 | S.Spiteri: Parking | Is-Sindku qara din il-korrispondenza. Il-Kunsill innota li m'hemmx policy nazzjonali li l-Kunsill jista' japplika hekk kif talbet is-Sinj. Spiteri. | |
| | | | | | Il-Kunsilliera Fenech semmiet il-problema ta' parkeġġ li hemm fi Triq id-Duluri u l-ħmieġ li jitħalla minn dawk li jiġu jiġbru ċ-ċekkijiet tas-social benefits. Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa mal-Pulizija u l-Post Master. | Agius |
| 12 | 2 | 4 | 10 | J. Cassar: Isem ta' triq għall-Majjistri Żwieten | Dwar it-talba tas-Sinj. Cassar sabiex triq tissemma għall-majjistri Żwieten, il-Kunsill innnota li la jkollna triq mingħajr isem, jieħu dan l-isem inkunsiderazzjoni. | Hales |
| 12 | 2 | 5 | 12 | Skola Primary B: Prize Day | **Il-Kunsill qabel li jixtri ktieb fl-okkażjoni tal-Prize Day ta' Skola Primarja B, Żejtun.** | Camilleri |
| 12 | 2 | 6 | 15 | D. Cachia: Problema ta' l-Ilma fi Triq Bir id-Deheb | Dwar ir-rikjesta sabiex isir isprall ta' l-ilma fi Triq Bir id-Deheb minħabba l-kwantita' ta' ilma li joqgħod f'din il-parti ta' triq, **il-Kunsill qabel li jgħaddiha lil TM, lis-Sinj. Antoinette Conti.** | |
| 12 | 2 | 7 | 16 | G. Saliba: Give way fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | **Il-Kunsill qabel li jiġu friskati is-sinjali tal give way u li jsiru double yellow lines fil-blind corner viċin il-ħanut tal-laħam fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.** | |

**12. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/14 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju |
| 12. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 11/14 | Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 11/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella. | Segretarju |
| 12 4 2 | i | Il-Kunsill approva wkoll li l-kont tas-servizz li l-Għaqda Mużikali tat waqt l-attivita' ta' Żejt iż-Żejtun 2014 għall-ammont ta' Eur500. | | |
| | ii | Is-Sinjura Dame Frances Grima xtaqet li fl-okkażjoni tal-100 sena tagħha, minflok rigali tingħata donazzjoni lill-Fondazzjoni Nazzaret. Għaldaqstant il-Kunsill approva l-kontribuzzjoni ta' Eur100 lil din il-Fondazzjoni. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li nġabret is-somma ta' Eur710 u issa bil-kontribuzzjoni tal-Kunsill, din is-somma telgħet għal Eur810. | | |
| | iii | Il-Kunsill approva wkoll il-kontijiet ta' Jum Dinji għal persuni b'Diżabilita' u dawk ta' Miżura 413. | | |
| 12. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 12/14 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju |
| 12. 4. 4 | | Petty Cash - Novembru 2014 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Novembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €138.67. | Segretarju |

12. 5. Kwotazzjoni 04/14 - Tiżjin tal-Milied tat-Toroq

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12 5 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li intefgħu żewġ offerti: Lawrence Cassar u Daniele Armeni li infetħu mill-Adjudication Board, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Caruana . Armeni iddikjara li ma kellux 'Tinsil'biex jaħdem u x-xogħol tiegħu kien fuq stil żgħir u modern għall-prezz ta' Eur1,190. L-offerta tal-kuntrattur Lawrence Cassar kienet għal Eur4,500. Is-Sindku billi spiċċajna b'offerta waħda valida b'xogħol tajjeb , wara li kellem lis-Segretarju bagħat għall-kuntrattur Lawrence Cassar fejn intalab li l-prezz ikun bħal dak tas-sena l-oħra, jiġifieri Eur3,800. Il-Kuntrattur aċċetta. Is-Sindku talab għall approvazzjoni tal-Kunsill. Kulħadd qabel ħlief għall Viċi-Sindku li qalet li l-Kuntrattur ~~Danieli Armeni kellu jingħata cans.~~ beda qabel ma ġie l-Kunsill | Sindku |
| | | Viċi-Sindku: Adjudicating Board | Is-Sindku talab sabiex is-sejħa tibda tinħareġ f'Ottubru sabiex ma jigrix kif ġara din is-sena u x-xogħol jibda wara s-7 ta' Diċembru. | |
| 12 5 2 | | Sindku: Armar ta' Antaljoli | Is-Sindku qal li jekk ta' l-Għaqda ta' l-Armar ma tridx tarma l-antaljoli għal din is-sena, jinfurmawna u posta ta' Żejt iż-Żejtun għas-sena d-dieħla tingħata b'offerta. | Sindku Agius |

| 12. 6. | | Triq il-Palazzi | | |
|---|---|---|---|---|
| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
| 12 6 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill li fil-bidu ta' Triq il-Palazzi, fejn tidjieq it-triq, instabet ġiebja, fejn illum fuqha intefgħet ix-xibka u ingħata s-siment. | Sindku |

| 12. 7. | | Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet | | |
|---|---|---|---|---|
| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
| 12 6 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | | |

| 12. 8. | | Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti | | |
|---|---|---|---|---|
| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
| 12 6 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Preżentazzjoni tar-rapport Finanzjarju Lulju-Settembru 2014 | Is-Segretarju qassam lill-Kunsilliera preżenti ir-rapport finanzjarju Lulju-Settembru 2014. Wara li ngħata spjegazzjoni dettaljata tal-ħruġ u d-dħul f'dan il-kwart, **il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.** Għaldaqstant is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport. Dan il-kwart għalaq bi żbilanċ ta' Eur3,700. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm il-flus ivvutati sabiex isiru l-bankini aċċessibli kif deċiż. is-Sindku qal li suppost il-kuntrattur kellu jibda l-ġimgħa l-oħra iżda sallum ma tfaċċax. | Sindku Segretarjat |
| 12 6 2 | | Sindku: Football pitch turf | Is-Sindku irraporta li t-turf tal-football pitch ta' San Girgor spicca u għaldaqstant hemm bżonn li jkunu ikkuntattjati l-Kunsill Malti għall-Isports. Hales qal li anke dak ta' Ġebl San Martin mhux f'kundizzjoni tajba Il-Kunsilliera Fenech ġibdet l-attenzjoni dwar kuntratti li saru bejn il-klabbs. | Fenech |
| 12 6 3 | | Sindku: Bibita tal-Kunsill | Is-Sindku fakkar fil-bibita tal-Kunsill li se issir fis-Sala tal-Knisja. Minħabba xi ilmenti li kien hemm mill-Kunsilliera li ma rċevewx l-invit, ser tiġi ccekkjata l-lista ta' l-inviti. | Segretarjat |
| 12 6 4 | | Hales: Rikonoxximent lil Ms Josann Pulis Attard | Is-Sindku irtira minn mal-mejda minħabba konflitt ta' nteress. | |
| 12 6 5 | | | **Il-Kunsill qabel li jagħti rikonoxximent waqt il-bibita tal-Kunsill, lil Ms Josann Pulis Attard għar-riżultat li kisbet waqt il-Maratona Nazzjonali tal-Ġiri. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti rikonoxximent li dawk il-persuni Żwieten li jiddistingwu ruħhom fuq bażi nazzjonali.**<br>**Kif is-Sindku reġa' lura mal-mejda, huwa ippropona lis-Sur Noel Baldacchino Jockey Zejtuni li ukoll f'bosta avveniment kiseb riżultat tajbin. Il-Kunsill qabel unanimament.** | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 6 | 6 | | Agius qalet li l-premju li ser jingħata għall-kompetizzjoni li saret waqt il-wirja tal-ħalib mill-iskejjel, ser jingħata waqt attivita' oħra u mhux waqt il-bibita tal-Milied. | Agius |
| 12 | 6 | 7 | Hales: l-Onor. Carmelo Abela | **Il-Kunsill qabel unanimament li jifraħ lill-Onor Carmelo Abela għall-kariga ġdida tiegħu bħala Ministru ta' l-Intern.** | |
| 12 | 6 | 8 | Chircop: Gnien San Girgor | Is-Sindku spjega li l-fence tal-5 a-side saritlha ħsara minħabba ċ-ċiklun u ġiet irranġata mis-Sur Michael Cumbo u Richard Darmanin mingħajr interessi. | Sindku |
| 12 | 6 | 9 | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop informa lill-Kunsill li ser joħorġu l-applikazzjonijiet ghal-konkors letterarju, liema premjijiet jingħata waqt l-attivita' ta' Ġieħ iż-Żejtun. Il-kategoriji ta' din is-sena huma dawn: L-aqwa poezija, L-aqwa djalett, L-aqwa rakkont bi djalett Malti standard u l-aqwa kitba tfal u żgħażagħ. | Chircop |
| 12 | 6 | 10 | Chircop: Triq il-Ħotba | Chircop staqsa meta ser titnaddaf Triq il-Ħotba. Hales qal li din ġiet mnaddfa. Huwa ppropona sabiex tintbagħat korrispondenza lil TM fejn il-Kunsill jitlob li din tingħalaq u issir parkeġġ għall-industrial estate. **Il-Kunsill qabel.** | Hales |
| 12 | 6 | 11 | Chircop: Attivita' Fondazzjoni Nazzaret | **Il-Kunsill approva li l-Fonazzjoni Nazzarett ittella attivita' taz-zumba fl-1 ta' Frar f'Misraħ is-Suq.** | |
| 12 | 6 | 12 | Chircop: Titlu ta' Belt | Il-Kunsillier Chircop fakkar lill-Kunsilliera li qabel il-kunċert tal-Milied, ser terġa' issir mixja minn ħdejn il-monument ta' Misraħ Karlu Diacono sa Misraħ ir-Repubblika sabiex jitfakkar meta ż-Żejtun ingħata t-titlu ta' Belt. | Chircop |
| 12 | 6 | 13 | Caruana: Road humps | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex issir road hump fi Triq it-tabib Cannataci u Triq Hector Dalli. Is-Sindku spjega li jrid ikun hemm black spot sabiex dawn isiru. Hales ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex issir waħda fi Triq Lvant. | Sindku |
| 12 | 6 | 14 | Caruana: Bankina perikoluża | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex jiġi rranġat il-madum li hemm jiċċaqlaq quddiem Gerada Pharmacy fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill. | Sindku |
| 12 | 6 | 15 | Caruana: Katina | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar katina li hemm fil-konkos sabiex tintrabat dgħajsa fi Triq Sant'Anġlu kantuniera ma' Triq Bisqallin. | |
| 12 | 6 | 16 | Caruana: Double yellow lines | Caruana talab sabiex isiru yellow lines fi Triq Sant'Anglu kantuniera ma' Triq Bisqallin. | Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 6 | 17 | Caruana: Sump fi Triq il-Labour | Caruana talab sabiex jitranġa sump li hemm fil-bidu ta' Triq il-Labour kantuniera ma' Triq Bir id-Deheb. Dan peress li kien hemm persuna li żelqet u weġġħet. Is-Sindku talab lil Caruana sabiex jitkellem ma' l-ex Kunsillier Richard Darmanin. | |
| 12 | 6 | 18 | Agius: Miżura 413 | Agius infuramt lill-Kunsill li fis-6 ta' Diċembru, it-tfal żaru l-Playmobil Fun Park ġewwa Ħal Far. | Agius |
| 12 | 6 | 19 | Agius: Xmas Carols mit-tfal | Hija qalet li t-tfal ġew mistednin mill-Fondazzjoni Nazzaret sabiex ikantaw ix-xmas carols fit-toroq. | Agius |
| 12 | 6 | 20 | Agius: Tabella CDCC | Agius talbet sabiex jisr tabella li tindika fejn jinsab iċ-Child Day Care Centre. Is-Sindku qal li din ser tingħata lill-Fondazzjoni ta' dan iċ-Ċentru. Il-Kunsilliera Fenech staqsiet jekk in-nies li qed jirreġistraw lil uliedhom iċ-CDCC, hux qed jintalbu depożitu ta' Eur100. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. Dan sabiex il-ġenituri jonoraw il-ħinijiet li jkunu talbu. Dan hu biss deposit li jingħata lura meta t-tfal jiefqu jattendu. | Sindku Agius |
| 12 | 6 | 21 | Agius: Bieb perikoluż taċ-Ċentru Arti u Artiġjanat | Il-Kunsilliera Agius semmiet il-bieb taċ-Ċentru Arti u Artiġjanat li qiegħed fil-periklu li jaqa'. Is-Sindku spjega li qed nistennew li tinħareġ xi skema ta' ristrutturar mill-Gvern Ċentrali. | Sindku Agius |
| 12 | 6 | 22 | Agius: Arblu perikoluż fi Triq il-Labour | Agius ġibed l-attenzjoni dwar arblu perikoluż fi Triq il-Labour. Dwar dan is-Segretarjat diġa' kiteb lill-Korporazzjoni Enemalta. Is-Sindku qal ukoll li l-lanterna wkoll tinsab f'periklu. | Segretarjat |
| 12 | 6 | 23 | Agius: Tindif fiż-żona tal-Ħniena | Agius talbet sabiex isir xogħol ta' tindif fejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena minħabba s-siġra taż-żebbuġ. | Hales |
| 12 | 6 | 24 | Agius: Kartolini tal-Milied u Diaries | Agius staqsiet jekk hux ser jintbagħtu kartolini tal-Milied u jekk hux ser ikunu ordnati d-diaries. Is-Sindku spjega li għal din is-sena mhux ser jintbagħtu kartolini filwaqt li ser jiġu ordnati diaries mingħand is-Sur J. Debattista. | Segretarjat |
| 12 | 6 | 25 | Viċi-Sindku: Jum Dinji b'Diżabilita' | Il-Viċi-Sindku irrapurtat l-attivita li saret fit-3 ta' Diċembru għal Jum Dinji Persuni b'Diżabilita fejn kienu mistiedna Grupp Mattew XXV u Fondazzjoni Nazzarett. Il-Kunsilliera Agius qalet li ma kinetx infurmata bl-attivita ghax kieku kienet | Viċi-Sindku |
| 12 | 6 | 26 | Viċi-Sindku: Attivita 12/12/14 | Il-Viċi-Sindku inruamt lill-Kunsill li l-attivita' li kienet ser issir fit-12 ta' Diċembru ġiet kanċellata. | Viċi-Sindku |
| 12 | 6 | 27 | Viċi-Sindku: Bollard fi Triq l-Isqof Emanuel Galea | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir bollard fi Triq l-Isqof Emanuel Galea. | |
| 12 | 6 | 28 | Viċi-Sindku: Bankina sfrundata u madum jiċċaqlaq | Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar bankina sfrundata f'Misrah Dom Mintoff u madum jiċċaqlaq fejn it-taraġ wara l-Knisja. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 6 | 29 | Caruana: Bank maqtugħ wara l-Knisja Parrokkjali | Caruana staqsa dwar bank maqtugħ wara l-Knisja. Is-Sindku qal li dan tressaq iktar 'l ġewwa u mhux inqata' | Sindku |
| 12 | 8 | 30 | Viċi-Sindku: Rampa fuq iz-zuntier | Il-Viċi-Sindku reġgħet fakkret dwar ir-rampa li kellha ssir fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali.Dan jappartjeni lill-Knisja. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.40pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

KUNSILL LOKALI
ŻEJTUN
Città Beland

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv